



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Mejju 2020
(OR. en)

8142/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0109(APP)

CADREFIN 92
RESPR 16
POLGEN 53
FIN 307

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Mejju 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 446 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 446 final.

Mehmuż: COM(2020) 446 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.5.2020
COM(2020) 446 final

2020/0109 (APP)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-ħtiġijiet ta' finanzjament għall-investimenti urġenti li se jirriżultaw minħabba l-kriżi huma bla preċedent. Għaldaqstant hemm il-bżonn ta' reazzjoni deċiżiva u straordinarja fil-livell tal-Unjoni. L-appoġġ finanzjarju jeħtieġ li jingħata fil-bidu fl-ewwel snin kruċjali tal-irkupru, inkluż fl-2020. Dan se jgħin biex jitnaqqas id-distakk bejn l-ewwel miżuri ta' reazzjoni u l-irkupru fit-tul. Id-daqs tal-intervent u s-sura tiegħu jridu jirreflettu l-kobor u l-urġenza tal-isfidi li qed tħabbat wiċċha magħhom l-Unjoni. Il-Kummissjoni qiegħda tipproponi l-isfruttament tal-potenzjal sħiħ tal-baġit tal-UE għall-mobilizzazzjoni tal-investment u għall-għoti tal-appoġġ finanzjarju fil-bidu matul l-ewwel xhur u snin kruċjali tal-irkupru.

F'dawn l-aħħar ġimgħat il-Kummissjoni użat il-flessibbiltà kollha li għad fadal fil-baġit attwali tal-UE biex kull euro disponibbli jintuża biex jiġu salvati l-ħajjiet u biex jitħares l-għajxien tan-nies. Dawn il-miżuri wrew is-setgħa tal-baġit tal-UE li jipprovdi appoġġ sostanzjali u f'waqtu lil Stati Membri fi kriżi. Huma eżawrew ukoll il-flessibbiltà kollha li għad baqagħlu l-baġit attwali tal-UE, li enfażizza l-ħtieġa urġenti li jiddaħħlu fis-seħħ miżuri ġodda li se jixprunaw il-fażijiet tal-irkupru kruċjali li jmiss.

Għaldaqstant jeħtieġ li r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013¹ li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 jiġi rivedut biex l-appoġġ finanzjarju jkun jista' jingħata fil-bidu u malajr kemm jista' jkun b'bidu fl-2020. Prinċipalment dan jikkonċerna kwalunkwe ħtieġa li l-proviżjonament tal-Istrument ta' Appoġġ tas-Solvenza fil-kuntest tal-Fond Ewropew għall-Investment Strateġiku jiġi ffinanzjat minn kmieni u l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għaż-żieda fil-kapital tal-Fond Ewropew tal-Investment², li l-infiq addizzjonali ta' koeżjoni permezz tar-REACT-EU³ jiġi kkonċentrat fil-bidu, u ż-żieda fil-mezzi finanzjarji tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli⁴.

2. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

Sabiex jiġi mobilizzat l-investment u l-appoġġ finanzjarju jingħata fil-bidu matul l-ewwel xhur kruċjali tal-irkupru, din ir-reviżjoni tipprevedi ż-żieda tal-limiti massimi tan-nefqa tal-qafas pluriennali 2014-2020 għas-sena 2020.

Il-Kummissjoni qed tipproponi li żżid il-limiti massimi tal-approprijazzjonijiet ta' impenn għas-sena 2020, kif ġej:

- il-limitu massimu tal-approprijazzjonijiet ta' impenn għas-subintestatura 1a “Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi” qiegħed jiżdied għal-livell ta' EUR 25 681 miljun (prezzijiet tal-2011);
- il-limitu massimu tal-approprijazzjonijiet ta' impenn għas-subintestatura 1b “Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali” qiegħed jiżdied għal-livell ta' EUR 53 109 miljun (prezzijiet tal-2011);

¹ ĠU L347, 20.12.2013, p. 884.

² COM(2020)404

³ COM(2020)451

⁴ COM(2020)407

- il-limitu massimu tal-appropriazzjonijiet ta' impenn għall-Intestatura 4 “Ewropa Globali” qiegħed jiżdied għal-livell ta' EUR 9 665 miljuni (prezzijiet tal-2011);

Iż-żidiet proposti tal-limiti massimi tal-impenji se jirriżultaw f'żieda fil-ħtiġijiet ta' pagament ta' EUR 6 040 miljuni, li huwa ammont kompatibbli mal-limiti massimi tal-pagamenti annwali tal-2020 skont kif ġie aġġustat fl-aġġustament tekniku ta' Mejju 2019⁵. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni ma tipproponix li tirrevedi l-limitu massimu tal-pagamenti tal-2020.

Għaldaqstant l-Anness tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 jenħtieġ li jiġi emendat u ssostitwit mill-Anness ta' din il-proposta.

F'konformità mal-Artikolu 135(2) tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika⁶, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma japplikax għar-Renju Unit sa fejn iħalli impatt fuq l-obbligi finanzjarji tar-Renju Unit meta jitqabblu ma' dawk fid-data tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni.

⁵ COM(2019)310 final tal-15.05.2019

⁶ ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 312 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislativ intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew⁷,

Filwaqt li jaġixxi b'konformità ma' proċedura leġislativa speċjali,

Billi:

- (1) It-tifqigħa tal-COVID-19 u l-kriżi assoċjata li laqtet lis-saħħa pubblika u lill-ekonomija tirrekjedi miżuri straordinari. Il-ħtiġijiet relatati mal-finanzjament ta' investimenti urġenti li se jirriżultaw minħabba l-kriżi huma bla preċedent. Għaldaqstant hemm il-ħtieġa għal reazzjoni deċiżiva u straordinarja fil-livell tal-Unjoni, u l-appoġġ finanzjarju jeħtieġ li jingħata fil-bidu matul l-ewwel snin kruċjali tal-irkupru, inkluż fl-2020.
- (2) Jeħtieġ li din tkopri l-ħtiġijiet finanzjarji tal-2020 li jirriżultaw minn inizjattivi ġodda li jindirizzaw l-irkupru. Dan jikkonċerna l-Istrument ta' Appoġġ tas-Solvenza u l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għaż-żieda fil-kapital tal-Fond Ewropew tal-Investment⁸, it-tisħiħ tal-għan tal-Investment għat-tkabbir u l-impjiegi fil-qafas tal-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej (REACT-EU)⁹, u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli¹⁰.
- (3) Għaldaqstant huwa meħtieġ li jiżiedu l-limiti massimi tal-appropriazzjonijiet ta' impenn tas-Sottointestaturi 1a u 1b u tal-Intestatura 4 għas-sena 2020. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Anness tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 jiġi emendat kif xieraq.
- (4) F'konformità mal-Artikolu 135(2) tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika¹¹, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma japplikax għar-Renju Unit sa fejn iħalli impatt fuq l-obbligi finanzjarji tar-Renju Unit meta jitqabblu ma' dawk fid-data tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni.

⁷ ĠU C , , p. .

⁸ COM(2020)404, ĠU C , , p. .

⁹ COM(2020)451, ĠU C , , p. .

¹⁰ COM(2020)407, ĠU C , , p. .

¹¹ ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament ma għandux iżid l-obbligi finanzjarji tar-Renju Unit meta mqabbla ma' dawk li kellu fid-data tal-ħruġ tiegħu mill-Unjoni.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President